MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 40/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Francis Xavier Formosa, Mary Gatt, Phyllis Bonello, Louis Gatt, Calcedonio Gatt, Vincent Gatt, Josephine Formosa bhala usufruttwarjatas-sehem tal-mejjet zewgha John Formosa, Anthony Formosa, Anna Formosa, Emanuel sive Noel Formosa u Dr, Ludvic Caruana u PL Rose Sciberras Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw l-assenti Mario Formosa, Louis Formosa u Vivianne Scialunga.**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 6 t' Ottubru, 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala

franka u libera tal-fond numru 16, Triq it-Torri, Valletta, u cioe' tar-recognition rent ta' dsatax-il lira Maltija u sittin centezmu (Lm19.60) fis-sena impost fuq l-istess, li gie mehud mill-Gvern bit-titolu ta' dominju pubbliku huwa ta' tlett mija u tnejn u disghin lira Maltija (Lm392.00) kif jidher mir-rapport tal-perit Mario Cilia A&CE tal-24 ta' Marzu 1998 li estratt tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali, tal-14 ta' Dicembru 1999 il-Kuraturi Deputati Dr. Ludvic Caruana u PL Rose Sciberras fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offrut.

Illi l-intimati Francis Xavier Formosa, Mary Gatt, Phyllis Bonello, Louis Gatt, Calcedonio Gatt, Vincent Gatt, Josephine Formosa bhala usufruttwarjatas-sehem tal-mejjet zewgha John Formosa, Anthony Formosa, Anna Formosa, Emanuel sive Noel Formosa naqsu li jirrispondu fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata (21) hekk rikjesti mil-Ligi u ghalhekk huma qed jitqiesu li accettaw is-sehem taghhhom tal-kumpens.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Semgha l-provi:

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonisdra:

Illi din hija kawza bazata l-artikolu 27 (13) Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar kumpens ghat-tehid ta’ fond b’xiri assolut u b’titolu ta’ dominju pubbliku. Ir-rikorrenti kien offra s-somma ta’ Lm392 bazat fuq l-kera ta’ rikonoxximent ta’ Lm19.60. L-initmati kuraturi Avukat Dr. Ludvic Caruana u PL Rose Sciberras rapprezentanti l-assenti Mario Formosa, Louis Formosa u Vivianne Scialunga biss mill-intimati kollha kienu opponew l-offerta maghmula lilhom;

Illi mix-xhieda tal-Land Valuation Officer, dan il-fond kien stmat bil-kera annwali ta’ Lm14 u ghalhekk l-offerta maghmula mir-rikorrenti hija oltre l-valur kurrenti f’dak iz-zmien;

Illi f’din il-kawza kienu assenjati zewg periti membri sabiex jassistu lil dan il-Bord. Peress illi l-istess periti membri kienu qed idumu biex jirrelataw u dan ghall-ebda raguni partikolari u peress illi dan kien meqjus bhala inaccettabbli, dawn kienu sostitwiti fis-seduta tal-24 ta’ Novembru. Il-periti membri l-godda rrelataw minnufih u dan huwa meritevoli ta’ menzjoni mic-Chairman

Illi l-periti membri tal-Bord wara li hadu konjizzjoni tal-fatti u d-dokumenti kollha tal-kaz ikkonfermaw illi l-fond esproprijat ghandu jkun meqjus bhala bini belti qadim ta’ uzu residenzjali u li l-kumpens li ghandu jithallas ghax-xiri ta’ dan il-fond liberu u frank huwa ta’ disa mija u tlettax-il Ewro u hdax-il centezmu (€913.11). Tajjeb li jkun nnotat illi ll-valutazzjoni raggunta mill-periti membri hija l-istess valur offert lill-intimati fil-valuta l-qadima jigifieri ta’ Lm390.00;

Illi partijiet irrimettew ruhhom ghar-relazzjoni tal-periti membri. Ic-Chairman huwa tal-fehma li l-valutazzjoni raggunta mill-membri tieghu hija wahda gusta tenut kont li din hija bazata fuq kapitalizazzjoni tal-kera ta’ gharfien li f’dak iz-zmien kienet in eccess tal-kera fis-suq;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b’titolu ta’ dominju pubbliku l-fond numru 16, Triq it-Torri, Valletta

kif ahjar deskritt fir-rikors promutur, liema fond qed ikun dikjarat bhala wiehed belti qadim u dan versu l-valur ta' disa mija u tlettax-il Ewro u hdax-il centezmu (€913.11).. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-2 ta' Awissu 2012 fl-10 am fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Leonard Caruana biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandhu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------